MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Citazzjoni Numru. 2109/1999/1

**Carmen Maloul**

**vs**

**Issa Maloul**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewgt lill-konvenut fit-tnejn (2) ta' Awwissu 1999 fil-*Cairo Authentication Office for Personal Status* fil-Kajr, l-Egittu, hekk kif jirrizulata mic-Certifikat ta' Zwieg rilaxxat mir-Registru Pubbliku ta' Malta hawn anness u mmarkat bhala Dok "A" kif ukoll minn kopja awtentika tac-Certifikat ta' Zwieg rilaxxat mill-imsemmi *Cairo Authentication Office for Personal Status* fil-Kajr, l-Egittu, hawn annessa u immarkata bhala Dok "B", traduzzjoni ta'

liema Certifikat ta' Zwieg Dok "B" ghal-lingwa Ingliza tinsab hawn ukoll annessa u mmarkata bhala Dok "C";

Illi kunsens ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress li nkiseb bl-eskuzjoni pozitiva da parti tal-konvenut taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mil-element essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi *inoltre* l-kunsess ta' l-attrici ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat peress li inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ipprovat waqt it-trattazjoni tal-kawza;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini ta' l-**Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) u/jew (f) ta' l-Att XXXVII tan-1975 dwar iz-Zwieg** ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li jghid ghalhekk il-konvenut, ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet suesposti:-

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnejn (2) ta' Awwissu, 1999 gewwa il-*Cairo Authentication Office for Personal Status* fil-Kajr, l-Egittu huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda minnha prezentati a fol 3 *et seq.* tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol.14 tal-process fejn eccepixxa illi:-

1. Illi l-eccipjent u l-attrici zzewgu fit-2 ta’ Awwissu, 1999 fil-*Cairo Authentication Office for Personal Status,* fil-Kajr, l-Egittu;

2. Illi eccipjent wera ruhu dispost li jghix il-hajja mizzewga b’dak kollu li din tikkomprendi;

3. Illi l-eccipjent fl-ebda cirkostanza ma qarraq bl-attrici dwar xi kwalita’ personali tieghu li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

4. Illi *inoltre* qed jigi eccepit li l-partijiet kellhom gharfien shih tad-dmirijiet u necessitajiet tal-hajja mizzewga u ta’ dak kollu li din tikkomprendi;

5. Illi ghalhekk ma tissusisti l-ebda wahda mir-ragunijiet mehtiega mill-**Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg** sabiex iz-zwieg ikun wiehed null u bla effett, u li qeghdin jigu specifikatament invokati mill-attrici;

6. Illi ghaldaqstant l-eccipjent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti tichad it-talba attrici ghar-ragunijiet suesposti, bl-ispejjez kontra l-attrici;

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol.15 *et seq* tal-process.

Rat il-verbali tad-19 ta’ Mejju 2000 u tal-15 ta’ Novembru 2000.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 15 ta’ Novembru 2000, li permezz taghha esebiet l-affidavits ta’ Helen Zammit u Rose Vella.

Rat in-nota tal-konvenut datata 18 ta’ Dicembru 2000, li permezz taghha prezenta vera kopja tal-pagni fil-passaport tieghu li juru d-dettalji personali.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 ta’ Frar 2001; tal-10 ta’ Lulju 2001 fejn xehdu in kontro-ezami Helen Zammit u Rose Vella; tal-4 ta’ Dicembru 2001; tat-8 ta’ Jannar 2002; tad-19 ta’ Frar 2002 u tas-17 ta’ April 2002;

Rat in-nota tal-attrici datata 17 ta’ Mejju 2002, li permezz taghha ezebiet l-affidavit taghha stess;

Rat ir-rikors ta’ Carmen Maloul datat 21 ta’ Mejju 2002, fejn ir-rikorrenti talbet umilment li *in vista* tal-premess u fl-ahjar interess tal-gustizzja tigi awtorizzata tipproduci bhala xhud fis-seduta illi jmiss rapprezentant tal-Ministeru ta’ l-Affarijiet Barranin u dan taht dawk il-provedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet datat 22 ta’ Mejju 2002, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti b’jumejn zmien ghar-rispsota.

Rat id-digriet datat 12 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti laqghat it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti tat-12 ta’ Gunju 2002; tal-14 ta’ Gunju 2002 u tad-19 ta’ Novembru 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr Kenneth Gulia ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April 2003.

Rat l-affidavit tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-11 ta’ Dicembru 2003.

Rat ir-rikors ta’ Issa Maloul fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tawtorizzah biex jintavola nota tas-sottomissjonijiet.

Rat id-digriet datat 14 ta’ Ottubru 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u tat terminu ta’ ghaxart ijiem u ordnat in-notifika tal-kontroparti jew lid-difensur taghha, b’ghaxart ijiem ghan-nota risponsiva.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI.

Illi **l-attrici** xehdet li hija ltaqghet mal-konvenut fl-ewwel granet ta' Dicembru 1998 f'Paceville s-Sibt. Illi kien huwa li avvicinaha u ried li jiltaqghu. Mat-tielet darba li ltaqghu huwa qalilha biex tmur mieghu l-Insinwa ha jizzewgu. Beda jiffittaha biex jidhol id-dar u jaghmlu l-proceduri taz-zwieg. Izda hija hasset li kien kmieni wisq pero' kien irrispondiha li hu ma setax idum ghax ma kellux permess biex joqghod Malta u kien qed jibza' li jinqabad mill-Pulizija u jitkecca minn Malta u b'hekk kellhom jaghmlu kollox malajr. Hija m'accettatx mill-ewwel biex jizzewgu izda peress li baqa' jinsisti kienet accettat fil-bidu ta' Frar. Hija sadanittant kienet tarah biss darba fil-gimgha, is-Sibt filghaxija, u dan ghax kien ighidilha li kien ikun irid jidhol jorqod kmieni biex ikun jista' jqum ghax-xoghol.

Illi ftit wara li qaltlu li kienet ser tizzewgu l-konvenut mar jiltaqa' mal-genituri taghha. Huma ppruvaw jifthulha ghajnejha li hija ma kinitx tafu sew u wara rrealizzat li kellhom ragun ghax infatti lanqas kien qalilha li kellu l-huh mizzewweg u joqghod Malta ghax kien irrefera ghalih bhala habib tieghu. Hija saret taf li dan kien huh meta dan Sammy ikkuntattjaha biex ighidilha li Issa kien safa' mkecci minn Malta fuq ordni tal-Qorti.

Illi hija xehdet ukoll li meta Issa kien talabha biex tizzewgu kienet staqsietu jekk kienx diga' mizzewweg. Huwa kien qalilha li qabel ma' ltaqa' maghha kien hareg ma' diversi nisa ohra pero' qatt ma kien mizzewweg. Hija fdatu u saret ic-cerimonja taz-zwieg gewwa l-Egittu. Aktar tard pero' skopriet permezz ta' ricerki maghmula mill-avukat taghha li huwa kien izzewweg lil certu Linda Alawsad fis-27 ta' Marzu 1997 u kellhom tarbija b'isem ta' Fatima Maloul li twieldet nhar it-8 ta' Marzu 1998. Hija pero' saret

taf b'dan kollu f'Ottubru 2001. Hija qalet li kieku hija kienet taf b'dan ma kinitx tizzewgu.

Illi hija qalet li huma kellhom l-appuntament lest biex jizzewgu Malta pero' dan ma sehhx ghax ftit biss qabel ma kellhom jizzewgu l-Pulizija qabdet lill-konvenut li kien Malta minghajr permess. Wara li tkecca huwa cemplilha xi ghaxar darbiet mis-Sirja dejjem jitlobha biex tipprova tirrangalu sabiex jerga' jigi lura Malta. Meta huwa ra li bil-proceduri lokali ma kien ser jakkwista xejn qalilha biex titla' l-Egittu halli jizzewgu hemm. Kemm huwa kif ukoll huh qalulha meta staqsiethom li s-Sirjani jinzlu jizzewwgu l-Egittu. Kien huh li ha hsieb il-preparamenti kollha u anki qata' l-biljett ta' l-ajru li pero' hallset ghalih hija.

Illi hija imbaghad spjegat kif saru l-formalitajiet sabiex jizzewgu fit-2 ta' AWwissu 1999. Wara c-cerimonja baqghu l-Egittu jumejn ohra u fil-5 ta' AWwissu 1999 qabdu l-ajruplan lura lejn Malta. Sa dak il-mument huma ma kienux ghadhom tkellmu dwar fejn kienu ser imorru joqghodu meta jaslu lura Malta. Meta wasslu Malta Issa kellu l-problemi biex ighaddi mill-*Immigration Control* peress li hu kien tkecca precedentement bhala Immigrant ipprojbit. Izda meta l-konvenut urihom ic-certifikat taz-zwieg il-Pulizija hallietu jidhol Malta.

Illi kif imbaghad iltaqghu mal-genituri u l-familjari taghha li kienu qed jistennewhom il-konvenut qalilha biex hija tmur id-dar tal-genituri taghha u li hu kien se jistenna lil huh jigi ghalih. Huh baqa' ma tfaccax u b'hekk oht l-attrici offriet li twasslu hija. Ghaddew xi erbat ijiem u l-konvenut lanqas biss cemplilha. Hija la kienet ratu u lanqas kienet taf fejn joqghod. Imbaghad cempel. Hija kienet tarah biss is-Sibt filghaxija meta kienu jiltaqghu Paceville bhal ma kienu jaghmlu qabel iz-zwieg. Ma kien hemm l-ebda differenza fir-relazzjoni taghhom sa certu punt kienu qieshom ghadhom gharajjes. Meta hija qaltlu li dan ma kienx sew huwa qalilha li hija kienet qed tghaggel li missha tahseb li kienu ghadhom qieshom gharajjes.

Illi minhabba li din is-sitwazzjoni ma kinitx qed togghobha kisbet l-approvazzjoni tal-genituri taghha biex zewgha

jmur joqghod ghandhom ghax kien hemm qisu flat ghalih fis-sular ta’ fuq tad-dar t’ommha. Huwa mill-ewwel qalilha li accetta izda qiesu ma tantx kellu hegga tant li kellha ccempillu hija xi tlett ijiem wara biex tara jekk kienx ghadu bil-hsieb. Imbaghad mar joqghod ghandhom.

Illi pero’ madankollu hija xorta baqghet ma tantx tarah ghax kien imur id-dar biex jorqod u jinhasel bilkemm kien ikun irid jiekol id-dar. Wara x-xoghol kien jinhasel u dritt ghal barra u ma kienx ighidilha fejn kien se jmur. Wara hafna nsistenza qalilha li huwa kien imur tas-Sliema u Bugibba jiltaqa’ ma’ huh u hbiebu. Huwa ma kienx ikun iridha mieghu. Hija rrakkontat meta darba suppost kellhom jiltaqghu Bugibba u minflok hallieha tistennieh m’ohta filwaqt li hu mar jiekol ma’ shabu. B’hekk qabdet u marret lura d-dar u meta mar lura kellhom xi ighidu u minn dakinhar qatt ma ltaqghu izjed.

Illi hi kompliet li Issa baqa’ jdum hafna barra u darba minnhom sahansitra ma dahalx id-dar u qalilha li kien raqad ghand huh. Fl-ghaxart ijiem li dam joqghod maghha ghand ommha dejjem hareg wahdu b’eccezzjoni ghal darba s-Sibt meta hargu flimkien. Hija apparti li ma kinitx qed tiehu pjacir b’dan il-komportament tieghu ndunat li huwa kien dahak biha. Meta hija kellmitu fuq hekk wegibha biex ma tindahallux.

Illi l-genituri taghha kienu tawh ic-cavetta tad-dar izda meta ommha rat li hu kien qed idum hafna barra talbitu c-cavetta lura. Fil-pront qabad u telaq mid-dar minghajr ma qal xejn lil hadd u filghaxija ma rritornax. Ghaddew tlett gimghat u m’ghamel l-ebda kuntatt maghha. Lejn l-ahhar ta’ Settembru 1999 il-konvenut cemplilha biex ighidilha li kien sejjer imur jiehu hwejgu mid-dar. Hija qalet ukoll illi minn mindu zzewwgu huwa qatt ma taha flus ghall-manteniment u dan anki jekk kien jahdem. Wara tlett gimghat cemplilha u qalilha biex jirrangaw izda hija ma riditx minhabba li lanqas post kien ghadu ma fittex ghalihom. Hija qaltlu li jekk jibqghu jiltaqghu s-Sibt biss hija ma kinitx interessata. Fl-ahhar ta’ Ottubru 1999 huwa rega’ cemplilha u qalilha li kien kera post Hal Safi. Hadha tarah pero ma qalilhiex biex tmur toqghod mieghu. Baqa’

jgib l-iskuzi. F'Marzu 2000 kien qalilha li kien sab fejn joqghod gewwa s-Swieqi pero' rega' ma qalilhiex biex tmur tghix mieghu.

Illi in kontro-ezami xehdet li meta gew biex jizzewgu kienet decizjoni li hadet hi ukoll. Hija qalet li kieku kienet taf li kien divorzjat hija ma kinitx tizzewgu. Hija cahdet li l-genituri taghha ghamluhiex difficli ghall-konvenut biex joqghod id-dar.

Illi l-**konvenut Issa Maloul** xehed li huwa ltaqa' mal-attrici f'Paceville u minn dakinhar bdew johorgu flimkien. Xi hames xhur wara li ltaqghu ftehmu biex jizzewgu. Meta ddecidew hekk mar ghand il-genituri taghha biex jinfurmahom u dehru li hadu pjacir. Huwa qal li ma kellux *visa* biex jibqa' hawn Malta u bhala konsegwenza kellu jitlaq u mar lura s-Sirja. Skond huwa hija kienet iccempillu biex jigi hawn Malta u hu kien icemplilha ta' spiss. Hija kienet tmur ghand huh biex tara kif se jizzewgu. Huwa qal li ried jizzewwigha ghax kien ihobbha. Minhabba n-nuqqas ta' *visa* huwa ma setax jigi Malta biex jizzewweg u b'hekk iddecidew li kellhom jizzewgu l-Egittu u baqghu ghall-*honeymoon* hemmhekk. Huwa ammetta li kien mizzewweg qabel ma' mara s-Sirja xi tlett snin qabel ma ltaqa' ma' Carmen. Kien ghamel biss sentejn mizzewweg izda z-zwieg inhall bir-rit Musulman ta' "*Talaq".* Huwa ghandu c-certifikat li huwa kien divorzjat u b'hekk huwa m'ghadux mizzewweg.

Illi huwa kompla li meta gew lura Malta ma kellhomx dar u hu mar ighix ma' huh u martu mal-genituri taghha. Dan kien arrangament temporanju izda matul dan iz-zmien kienu jiltghaqu. Imbaghad mar joqghod mal-genituri taghha. Kien minn hawn li bdew il-problemi ghax ra li ommha ma riditux u ma riditx li bintha tizzewweg Gharbi.

Illi in kontro-ezami qal li meta ltaqa' mal-attrici kien ilu xi seba' jew tmien xhur Malta meta l-*visa* tieghu kienet biss ghal gimgha. Huwa qal li kienu ltaqghu fl-ahhar tas-sajf 1999 u mhux f'Dicembru. Huwa spjega li fir-religjon tieghu ma jdumux hafna biex jizzewgu. Huwa kien diga' gie qabel Malta ghal xahar u nofs u telaq. It-tieni darba dam

ghax Malta kienet qed toghgbu, kellu l-familja u ried jibqa'. Huwa cahad li z-zwieg ma' Maltija kien l-uniku mezz biex jakkwista dan. Fl-1999 kien tkecca minn Malta bil-Pulizija u bil-Qorti ghax kien minghajr permess. Huwa ammetta li l-attrici staqsietu kienx mizzewweg u li huwa qalilha li ma kienx ghax kien minghalih li meta tkun divorzjat ma tkunx mizzewweg. Huwa lanqas ma kien qalilha li kellu tarbija s-Sirja. <u>Huwa ma hassx li dan kien importanti</u>. Huwa qal li kienu tkellmu li jizzewwgu u li joqghodu flimkien izda ma kienx haseb mill-ewwel biex jikri. B'hekk meta qaltlu mar ighix maghha ghand il-genituri taghha. Wara ghoxrin gurnata ommha keccietu mid-dar. Huwa kellu post Haz-Zebbug pero' lilha qatt ma hadha hemmhekk anki jekk kellu f'mohhu li jmorru jghixu go fih.

Illi huwa qal ukoll li meta keccewh mid-dar tal-genituri taghha mar sab post Hal Safi u hi kellha tmur tghix mieghu. Pero' missierha beda joffendieh fuq it-telefon u hi ma marritx tghix mieghu. Huwa xehed li meta johrog ma jdumx ghax b'tal-linja. Hbieb ma kellux u huh kellu karozza. Rigward il-hrug ta' kuljum qal li gieli kien johrog maghha u gieli wahdu. Cahad pero' li kien hemm okkazzjoni li ma dahalx bil-lejl. Huwa qal li dak iz-zmien kien jahdem ma' huh pero' dak iz-zmien ma kellux paga. Meta staqsieha kellhiex bzonn hija qaltlu li ma kellhiex.

Illi huwa qal li meta l-magistrat li kien qed izewwighom staqsieh kienx mizzewweg huwa qallu li ma kienx peress li hu divorzjat. Wara Hal Safi mar ighix is-Swieqi. Huwa qal li s-Swieqi ma staqsihiex biex tmur toqghod mieghu imma Hal Safi kien qalilha. Illi huwa spjega li meta kienu gharajjes kienu jiltaqghu biss is-Sibt kemm ghax hi hekk riedet kif ukoll ghax it-tnejn li huma ma kellhomx karozza. Huma kienu ltaqghu darba l-Hadd. *Inoltre'* dak iz-zmien ommha kienet marida u ma setghetx tohrog. Huwa sostna li l-problema fiz-zwieg taghhom kienet il-familja taghha.

Illi **Rose Vella** xehdet li meta ohtha qaltilha li kienet se tizzewweg lill-konvenut li ma tantx kienet ilha taf, ix-xhud qaltilha li l-affarijiet kienu qed isiru malajr wisq. Hija ltaqghet l-ewwel darba mal-konvenut wara li zzewgu fl-ajruport. Hija qalet li meta hargu mid-dwana huwa qiesu

ma riedx ikellimhom u lil ohtha kien qalilha biex tmur ghand ommha. Huwa kien qalilhom li kien se jmur huh ghalih izda hadd ma mar ghalih u b'hekk offrewlu huma u wara hafna nsistenza fl-ahhar accetta. Qalilhom biex jiehduh il-Qrendi izda meta waslu l-Imqabba ra lill-mara ta' huh u tela' maghha. Xi hmistax wara li kienu waslu lura Malta Issa mar joqghod ghand il-genituri taghhom. Darba minnhom hija kienet hemm u ratu niezel pulit u staqsietu fejn kien sejjer u hu rrispondiha l-Awstralja u telaq 'il barra. Sad-disgha ta' filghaxija kien ghadu ma marx id-dar.

Illi in kontro-ezami qalet li l-fatt li l-konvenut kien Gharbi lilha ma dejjadhiex. Hija qalet li taf li ohtha kienet harget mal-konvenut xi tlett Sibtijiet, imbaghad tkecca minn Malta u kien icemplilha minn hemm. Illi ghal dak li qalet fl-ahhar ta' l-affidavit taghha ovvjament hija ma tafx x'seta' qalilha meta kienu fuq.

Illi **Helen Zammit**, omm l-attrici, xehdet li bintha nfurmathom li l-konvenut xtaq imur id-dar taghhom biex jarahom izda meta hi qaltilhom li kienet ilha tafu tlett gimghat biss qalulha li kienet qed tghaggel. Peress li binthom qaltilhom li hu kien qed jinsisti biex imur jarahom huma accettaw u ghal habta ta' nofs Jannar mar. Dakinhar ma kienx qalilhom biex jizzewwigha izda binthom kienet qaltilhom li kien qed jiffittaha. Qabel iz-zwieg imbaghad ratu biss darba wahda meta kien mar ghandhom minghajr ma kienu qed jistennewh. Infatti imbaghad huwa fi Frar 1999 kien tkecca minn Malta ghax kien bla permess. Illi wara li tkecca l-konvenut gieli cempel lit-tifla taghha.

Illi hi qalet li ghall-bidu ta' Lulju 1999 Carmen qaltilhom li kienet se titla' l-Egittu biex tizzewweg lil Issa. Huma ma kienux qed jistennew din l-ahbar u minhabba sahhithom ma telghux maghha. Illi hija kkonfermat dak li qalu wliedha dwar dak li gara meta bintha u zewgha kienu waslu Malta u kienu fl-ajruport.

Illi ghaddiet gimgha miz-zwieg u Carmen kienet ghadha maghhom u huwa qatt ma kien resaq ghandhom. Bintha

talbithom biex imur joqghod ghandhom u huma accettaw. Huma b'hekk tawhom is-sular ta' fuq kollu. Huma tawh anki c-cavetta tal-bieb ta' barra u kienu spjegawlu li filghaxija kellu jaghlaq il-bieb bl-istanga izda hu ma tahomx widen. Il-konvenut kien johrog wahdu u ma kien jghid lil hadd fejn kien se jmur. Kien jidhol tard hafna u darba minnhom ma dahalx. Id-dar kien ghamilha kazin u minhabba li hi ma setghetx tistaporti dan l-atteggament wara hmistax li mar joqghod ghandhom talbitu c-cavetta tad-dar bil-pulit. HIja qaltlu li jekk ried jibqa' joqghod maghhom merhba bih izda riedet lura c-cavetta. Dak il-lejl tela' jorqod bil-kwiet izda l-ghada hareg ghax-xoghol u ma marx aktar id-dar taghhom. F'xi zmien wara cempel lil bintha li kien se jmur ghall-hwejjeg u minn dakinhar hi qatt ma ratu.

Illi in kontro-ezami qalet li bintha kellmitha dwar il-konvenut fl-ahhar xahar. Hija qalet li ma riditux ghax kien Gharbi. Illi dwar id-darba li semmiet li mar ghall-gharrieda qalet li Carmen ma kinitx avzatha li kien sejjer jaraha minhabba li ftit qabel kienet harget mill-isptar. Hija ma tafx kemm-il darba bintha marret ghand hu l-konvenut f'Malta waqt li hu kien imkecci mill-pajjiz. Hija qablet li bintha u zewgha kienu ftehmu li se jsibu post wara z-zwieg u dan ghax qaltilha bintha. Hija ma kinitx taf ghalfejn huwa ma kienx jiekol maghhom. Hija ammettiet li keccietu ghax dejjaqhom jidhol tard bil-lejl.

Illi xehdet ukoll **Dr Sandra Hili Vassallo** rapprezentant tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin fejn xehdet dwar dokumenti ezebiti fil-process.

Illi xehed ukoll **Peter Borg** rappresentant tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li esebixxa dokumenti rigwardanti c-certifikat taz-zwieg tal-partijiet.

**(II) PRINCIPJI LEGALI.**

Illi l-azzjoni attrici hija bbazata fuq dak li jipprovdi l-**artikolu 19(1) (c),(d) u (f) tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta** u cioe' l-**Att dwar iz-Zwieg.**

Illi l-attrici l-ewwel issottomiet li z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19(1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**Artikolu 19 (1):** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi disposizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Il-Qrati taghna dejjem sostnew illi taht dan is-subartikolu:-

"*Iz-zwieg huwa null jekk wahda mill-partijiet taghti kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi hadd iehor dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra*" (**"Sh A mart A Fattah xebba Perry vs Dr A Mifsud u PL Mifsud Bonnici"** – P.A. 22 ta' Novembru 1982).

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa immaterjali jekk tali qerq jorrigina min-naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa importanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f' **"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor significantly disturbing the 'consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the 'consortuim vitae' and the source of the error is juridically irrelevant".*

Illi wkoll l-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-*

*hajja mizzewga".* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **"John Borg vs Paula sive Polly Borg"** (P.A. (VDG) 22 ta' Mejju 1995 - Cit. Nru. 591/94VDG) fejn gie osservat li:-

*"kieku dak il-paragrafu 19 (1) (c) gie formulat b'mod differenti, wiehed ikun jista' jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-artikolu 981 tal-Kodici Civili li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta' nullita' ta' zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il proprjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg".*

*"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial". (****Viladrich* **P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. -** Caparros, E. et al. ed)1993, Wilson and Lafleur , Montreal).

Illi l-Qrati taghna, inkluz fis-sentenza **"Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee' Ignacakova"** (P.A. (RCP) 13 ta' Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-kunsens taghha ghax tkun giet imqarrqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra (**"Fattah xebba Perry vs Dr.A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi min-naha l-ohra fl-**Artikolu 19 (1) (f)** jinghad ukoll li z-zwieg ikun null:

**Artikolu 19 (1) (f)** “*jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg*”.

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **“Nicolai Balzan vs Simone Cremona”** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta’ Marzu 2000) u **“Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri”** (P.A. (RCP) 27 ta’ Frar 2001) u a skans ta’ ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **“Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe”** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta’ Novembru 1999) gie ritenut illi:-

“*Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens*”.

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) l-1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano *nomine*”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u “**Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit. Nru. 793/01/RCP).

Illi l-ahhar subartikolu li gie kwotat mill-attrici huwa dak abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** li jiddisponi li:-

“(d) *jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali*

*taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg*".

Illi dwar dan is-subartikolu din il-Qorti kif presjeduta diga kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza "**Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg**" (Cit Nru 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza "**Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe**" (Cit Nru 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-esposizzjoni ta' ***Viladrich***:-

"*Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring*" (***Viladrich, P.J.,*** **Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** (Montreal, 1993), p. 686).
Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "*the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of*

*children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics*" (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., p. 687).

**(III) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li l-konvenut li meta ltaqa' mal-attrici kien diga' ilu Malta ghal seba' jew tmien xhur meta l-*visa* tieghu kienet biss ghal gimgha kellu diga' l-hsieb li jixtieq joqghod Malta. Dan ikkonfermah huwa stess fil-kontro-ezami tieghu. Infatti ftit drabi biss wara li ltaqghu huwa ried li jizzewgu u qalilha li kellhom jghagglu l-affarijiet minhabba li kien f'pajjizna bla permess. Infatti huwa nqabad u tkecca minn Malta izda l-partijiet baqghu f'kuntatt ma' xulxin u saru l-arrangamenti biex l-attrici titla' l-Egittu halli jizzewgu hemmhekk kif fil-fatt ghamlu, u dan kawza tal-pressjoni li jidher li l-konvenut ghamel fuq l-attrici wkoll b'kull mod kif l-istess attrici tinsab ikkoroborata b'xhieda minnha prodotta u fuq riportata.

Illi ftit jiem biss wara z-zwieg huma gew lura Malta. Il-konvenut ghal bidu kien se jkollu l-problemi biex jidhol izda ladarba wera lill-ufficjali c-certifikat taz-zwieg hallewh jidhol. Huwa proprju hawnhekk li tidher evidenti li l-konvenut izzewweg lill-attrici biss biex ikun jista' jibqa' Malta. Infatti kif kienu fl-ajruport huwa qalilha biex hija tmur toqghod ghand il-genituri taghha u huwa ghand huh. Il-konvenut qal li huma kienu tkellmuha u li ma qghadx jahseb biex jikri post fejn joqghodu ghall-bidu. Din pero' mhiex hlief skuza ghax min ikollu fi hsiebu li jizzewweg u jifforma familja jrid jibda jara dawn l-affarijiet qabel iz-zwieg. Meta imbaghad mar joqghod ghal ftit ghand il-genituri taghha jirrizulta li huwa baqa' jghix qiesu mhux mizzewweg ghax kien imur ghandhom biss wara x-xoghol biex jinhasel u jitlaq 'il barra. Il-partijiet ftit li xejn kienu

jiltaqghu u dan kemm qabel iz-zwieg kif ukoll wara sahansitra anki meta kienu qed jghixu taht l-istess saqaf.

Illi ghalhekk irrizulta b'mod car li l-konvenut qatt ma kellu ntenzjonijiet serji dwar l-istess zwieg ghax l-unika kunsiderazzjoni taghha kienet biss li javvantagga ruhu mill-attrici sabiex jizzewwigha minhabba l-*visa* u ma kellu l-ebda ntenzjoni f'mohhu li jghix u jkollu familja maghha.

Illi mhux hekk biss irrizulta wkoll b'mod car li huwa dahak biha meta hbielha li huwa kien mizzewweg is-Sirja u li kellu anki tarbija. L-attrici kienet staqsietu specifikatament u huwa stess ikkonferma li wegibha li ma kienx ghax ladarba huwa kien iddivorzjat kien minghalih li ma kienx mizzewweg. Izda anki din hija skuza ghax ladarba l-attrici staqsietu kien evidenti li ghaliha dan kien importanti u huwa nduna b'dan u b'hekk ghazel li ma jghid xejn. Infatti l-attrici sostniet illi li kieku kienet taf b'dan hija zgur ma kinitx tizzewgu. L-ispjegzzjoni tal-konvenut hi li ma hassx li dawn ir-risposti kienu importanti, din turi n-nuqqas ta' serjeta' tal-istess konvenut u l-mod kif kien jitratta l-attrici biss bhala mezz sabiex jilhaq l-iskop tieghu, ghaliex anke hawn, jidher li huwa kien jiddeciedi, (u fil-fatt ghadu qed jiddeciedi) x'inhu importanti jew le, anke f'isem l-attrici).

Illi kwindi m'hemm l-ebda dubju li l-konvenut inganna lill-attrici sabiex tizzewgu. Mhux biss izda l-kunsens tieghu huwa simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu peress li l-iskop uniku tieghu kien li jisserva bl-attrici, kif fil-fatt ghamel, sabiex ikun jista' jibqa' hawn Malta u xejn izjed; ghamel pressjoni fuqha u heba' minnha episodji importanti fil-hajja tieghu, inkluz li kien mizzewweg diga u kien telaq lill-mara li kell u billi skond il-ligi ta' pajjizu inhall mill-istess zwieg bil-procedura tat-*Talaq.*

Illi wkoll bil-mod kif l-istess konvenut tratta mal-attrici wara z-zwieg jidher ukoll li huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix ta' hajja mizzewga mal-attrici u baqa' jghix hajja ta' bniedem guvni, bla ebda responsabilita' ta' xejn lejn l-attrici, li fid-dawl tal-provi proposti, u anke il-mod li bih l-konvenut xehed f'din il-kawza, ixxejnu ghall kollox l-

eccezzjonijiet minnu moghtija, li kollha kemm huma huma manifestamenti nfondati, jekk mhux vessatorji.

Illi fir-rigward ta' zwiegijiet ta' konvenjenza din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet din il-Qorti kif diversament presjeduta fis-sentenzi fl-ismijiet **"Josephine Grech vs Mahmoud Awwada sive Mahmoud Ali Ibida"** (P.A. (N.A.) 10 ta' Ottubru 1995) u **"Miriam Ramadan Mabrouk xebba Psaila vs Lovay Ramadan Wahba Mabrouk"** (P.A. (N.A.) 16 ta' Jannar 1998) u cioe' li:-

*"meta l-unika skop tal-kontraent ikun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed pozittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed m'ghandux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita ta' l-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifestata wkoll implicitament".*

Illi fi kliem il-gurista ***Castano*****:-**

*"… l'atto posittivo della volonta' non s'identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta' puo' essere posittivo ed essere manifestato implicitamente. Infatti con il Prof. Gangoiti crediamo che l'atto posittivo richiesto dal canone puo' essere amesso anche con intenzione implicita, vale a dire mediante il modo di comportarsi del soggetto che esclude, o mediente l'insieme di circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E' per questo che la volonta' puo' essere ritenuta una facolta' poliglotta e quindi parla atraverso molteplici linguaggi, senza che sia necessario che lo faccia espressamente".*

*"Huwa ghalhekk li jinkombi fuq il-Qorti li thares lejn ic-cirkostanzi <u>kollha</u> kemm dawk antecedenti, kif ukoll dawk konkomitanti u sussegwenti, ghall-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u tinterpretahom b'doza qawwija ta' buon sens, biex tista' tasal, imqar sal-grad ta' probabilita', li kien hemm l-eskluzjoni posittiva imsemmija".*

Illi fis-sentenza tal-10 ta’ Marzu, 2000, fil-kawza fl-ismijiet **“Pauline Ahmed nee’ Bugeja vs Shafik Farid Shafik Ahmed”** (P.A. (VDG) Citaz. Numru 171/95 VDG), din Qorti kif diversament presjeduta ccitat lill-gurista ***Francesco Bersini*** li jispjega:-

*“Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta’ lo stesso matrimonio, che per lui e’ una pura formalita’ vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonia un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta’, almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe’ diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita’, scopi di libidine, ecc … L’esclusione del matrimonio si puo’ verificare sopratutto in persone che si sposano sotto la pressione del timore grave, o che strumentalizzano, con estrema leggerezza e malizia, il-matrimonio simulato per raggiungere altri fini intesi con volonta’ prevalente, come potrebbero essere I miraggi di un vantaggio economico ….”* **(Il Diritto Canonico Matrimoniale, Elle Di Ci (Torino),** 1994, pp. 113-114).

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (c)** ma hemm l-ebda dubju li l-konvenut heba deliberatament l-passat tieghu mill-attrici, ghaliex kien jaf li jekk jghid lill-attrici li kien mizzewweg qabel u li hall lilhu innifsu miz-zwieg, u kellu wkoll tarbija, certament li dan kien jaffetwa, anke fin-normal id-decizjoni taghha li tizzewgu, u dan anke fic-cirkostanzi ta’ konvenjenza hawn spjegati. Tali kwalita’ tal-hajja tal-konvenut kienu ferm materjali ghall kiwstjoni ta’ kunsens taz-zwieg, u kontrarjament ghall dak li jghid l-konvenut, ma kienitx ghalih sabiex jiddeciedi jekk dawn kienux importanti ghall attrici fil-konsiderazzjonijiet taghha; anzi jidher li apparti li t-tezi tal-konvenut taqa’ fuq l-ezami suggettiv, fl-opinjoni ta’ din il-Qorti lanqas treggi meta tigi impoggija ghal-ezami objettiv, peress li parti ma ghandhiex tiskopri li l-parti l-ohra kienet gja mizzewwga u

kellha ukoll ulied wara li tinghaqad maghha fiz-zwieg, izda dawn huma elementi li ghandhom ikunu maghrufa qabel issir dan il-pass, iktar u iktar meta l-partijiet ikunu dehlin f'unjoni permanenti u indissolibbli.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandha tigi milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (c) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :

**1.** Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut fit-2 ta' Awwissu 1999 fil-*Cairo Authentication Office for Personal Status* fil-Kajr, l-Egittu, huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------